IMA

Awtorità għall-Monitoraġġ Indipendenti
(Independent Monitoring Authority)
Għall-Ftehimiet tad-Drittijiet taċ-Ċittadini

# Skeda ta’ Fatti tal-IMA



## Ir-Rwol Tagħna

L-Awtorità għall-Monitoraġġ Indipendenti għall-Ftehimiet tad-Drittijiet taċ-Ċittadini (IMA) ġiet stabbilita mill-Att tal-Unjoni Ewropea tal-Ftehim dwar il-Ħruġ 2020 u tħares id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE, taż-ŻEE u tal-EFTA, u l-membri tal-familja tagħhom:

- li ilhom jgħixu fir-Renju Unit u f’Ġibiltà minn qabel Diċembru 2020 (jew huma eliġibbli li jingħaqdu ma’ membri tal-familja wara din id-data); u
- li applikaw għall-Iskema għall-kisba tal-Istatus ta’ Stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE Dawn id-drittijiet huma relatati ma’ dawk stabbiliti fit-Tieni Parti tal-Ftehimiet dwar il-Ħruġ u s-Separazzjoni (il-Ftehimiet tad-Drittijiet taċ-Ċittadini).

## Id-Doveri Tagħna

L-IMA għandha żewġ doveri wesgħin: li timmonitorja u tippromwovi d-drittijiet taċ-ċittadini.

- Nimmonitorjaw il-korpi pubbliċi, fejn niżguraw li mhux biss jafu dwar dawn id-drittijiet iżda li qed japplikawhom korrettament.
- Naħdmu maċ-ċittadini biex niżguraw li huma jafu x’inhuma d-drittijiet tagħhom sabiex ikollhom is-setgħa biex jieħdu azzjoni meta meħtieġa.

## Il-Poteri Speċifiċi Tagħna

Neżaminaw l-intelliġenza, inklużi lmenti minn ċittadini u għandna l-poteri li nniedu inkjesti u nieħdu azzjoni legali meta jkun xieraq.

Nistgħu mmexxu inkjesta għal waħda minn tliet raġunijiet:

- bħala riżultat ta' lment jew sensiela ta' lmenti
- bħala riżultat tal-monitoraġġ u l-ġabra ta' intelliġenza tagħna stess
- wara talba minn Segretarju tal-Istat, Ministru Skoċċiż, Ministru ta' Wales, l-Uffiċċju Eżekuttiv tal-Irlanda ta' Fuq, jew Ministru ta' Ġibiltà

Nistgħu nressqu jew nintervjenu fi proċeduri legali fejn inqisu li dan huwa xieraq sabiex tiġi promossa l-implimentazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Ftehimiet tad-Drittijiet taċ-Ċittadini. Nieħdu azzjoni legali bħala l-aħħar rimedju u nintervjenu biss f'każ fejn inkunu sodisfatti li l-kontribut tagħna se jżid il-valur u se jgħin lill-qorti fid-determinazzjoni tagħha.





## Kif tista' tgħin

Billi taqsam informazzjoni dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE, taż-ŻEE u tal-EFTA u r-rwol tal-IMA, jew billi tissottometti lment fuq is-sit web tagħna: **www.ima-citizensrights.org.uk**

Billi tirrapportalna intelliġenza jew informazzjoni meta tinzerta ksur ta' drittijiet suspettat billi tibgħat email fuq: **IMA@ima-citizensrights.org.uk**

## Fuq xiex qed naħdmu

Għandna taqsima ddedikata fuq is-sit web tagħna msejħa Reġistru ta' Kwistjonijiet (Issues Log) fejn tista' ssib informazzjoni dwar il-ħidma attwali tagħna u l-azzjoni li ħadna s'issa.

**@IMA_CitRights**

**@imacitizensrights**

**@independentmonitoringauthority**